MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Numru. 125/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR CARLOS CORDINA**

**KONTRA**

**DAMIEN CAUCHI**
**JONATHAN MAGRI**
**CHARLO ZERAFA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Damien Cauchi ta' 19 sena, bin Antoine u Pauline nee' Zahra, mwieled Hal- Safi nhar l- 1 ta' Jannar 1990, residenti fil- fond Love D' Iria, Triq Qerd in- Nahal, Hal-

Safi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 55590(M);

U

Omissis 1;

U

Omissis 2;

Li gew imressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

f'dawn il- Gzejjer, b'diversi atti li jiksru l- istess disposizzjonijiet tal- Ligi, maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1) talli fil- lejl ta' bejn l- 10 u l- 11 ta' Awwissu 2008 mill- fond nru. 30, English Rose, Triq il- Mithna, Zurrieq, ikkommettew serq ta' kaxxa postali ta' valur li jeccedi l-valur ta' €23.29, izda ma jeccedix l- ammont ta' €116.47 a detriment ta' Anglu Cutajar, liema reat huwa aggravate bil-hin u lok u dan ai termini tal- Artikolu 261, 269 (G) u 270 tal- Kodici Kriminali tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

2) talli fi Triq il- Mithna Zurrieq, fi xahar ta' Awwissu 2008, ikkommettew hsara volontarja fuq hasira a detriment ta' Anglu Cutajar, liema hsara ma teccedix is-somma ta' €23.29 u dan ai termini tal- Artikolu 325 (d) tal-Kodici Kriminali tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

3) talli fi Triq Hal Milieri Zurrieq, fi xahar ta' Awwissu 2008, ikkommettew serq ta' pjanta tal- plastic liema valur ma jeccedix l- ammont ta' €23.29 a detriment ta' Wayne Pace, liema reat huwa aggravat bil- hin u lok u dan ai termini tal- Artikolu 261, 269 (g) u 270 tal- Kodici Kriminali tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

4) talli fi Triq il- Kbira Zurrieq fi xahar ta' Awwissu 2008, ikkommettew serq ta' ghodda ta' valur ma jeccedix l- ammont ta' € 116.47 minn go vettura ta' ghamla Opel nru. ta' reg GMY 054 a detriment ta' Giuseppe Bugeja, liema reat huwa aggravat bil- mezz, hin u bi xorta tal- haga misruqa, u dan ai termini tal- Artikolu 261, 263 (a), 270 u 271 (g) tal- Kodici Kriminali tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

5) talli fi Triq il- Kmand Zurrieq fi xahar ta' Awwissu 2008, ikkommettew serq ta' ghodda liema valur ma jeccedix l- ammont ta' €116.47 minn go vettura ta' ghamla Astra nru. ta' Reg ABQ 787 a detriment ta' Terence Mangion, liema reat huwa aggravate bil- mezz, hin u bi xorta tal- haga misruqa, u dan ai termini tal- Artikolu 261, 263 (a), 270 u 271 (g) tal- Kodici Kriminali tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

6) talli fi Triq il- Mithna Zurrieq, fi xahar ta' Awwissu 2008, ikkommettew hsara volontarja fuq hgiega ta' bieb tal- fond imsemmi a detriment ta' Manwela Cutajar, liema hsara ma teccedix s- somma ta' €23.29 u dan ai terminu tal- Artikolu 325 (d) tal- Kodici Kriminali tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

7) Talli fi Triq San Luqa Zurrieq, fi xahar ta' Awwissu, ikkommettew hsara volontarja a detriment ta' Katarina Sammut, liema hsara ma teccedix is- somma ta' €23.29 u dan ai termini tal- Artikolu 325 (d) tal- Kodici Kriminali tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

8) Talli fi Triq San Luqa Zurrieq, fi xahar ta' Awwissu 2008, ikkommettew hsara volontarja fuq vettura ta' ghamla Opel nru. ta' reg. ABF 608 a detriment ta' Carmel Busuttil, liema hsara teccedi is- somma ta' €23.29 izda ma jeccedix l- ammont ta' €116.47 u dan ai termini tal- Artikolu 325 (d) tal- Kodici Kriminali tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

9) talli fi Triq tal- Gonna Zurrieq, fi xahar ta' Awwissu 2008 ikkommettew hsara volontarja fuq

propjeta a detriment ta’ Romeo Galea, liema hsara ma teccedix is- somma ta’ €23.29 u dan ai termini tal- Artikolu 325 (d) tal- Kodici Kriminali tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

10) talli fi Triq il- Luq Zurrieq, fi xahar ta’ Awwissu 2008, ikkommettew hsara volontarja fuq propjta a detriment ta’ Joachim Grech ai termini tal- Artikolu 325 (d) tal- Kodici Kriminali tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni.

Rat il-fedina penali nettissima tat-tlitt imputati;

Rat li t-tlitt imputati huma ta’ eta’ tenera, addirittura tnejn minnhom kienu minorenni fiz-zmien meta sar ir-reat;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 269 (g), 270, 325 (d), 263(a) u 271(g) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputati hatja u ghaldaqstant tordna li jitqieghdu taht Ordni ta’ Probation ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta ghal tlett (3) snin.

Tordna inoltre li bhala parti integrali mill-istess Ordni ta’ Probation, huma ghandhom jirrifondu lid-derubati kull ammont dovut, u l-Ufficjal tal-Probation ghandu perjodikament jippresenta nota fl-atti ta’ din il-kawza sabiex jindika kull meta jkun sar hlas kif hekk indikat, sa ma jinqata’ kull ammont dovut lill-persuni indikati.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------